VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,350, 2 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 445 tal-2014

ORDINANZA DWAR IL-PENSJONIJIET
(KAP. 93)

Ordni tal-2014 dwar l-Impjieg mal-Awtorità tad-Djar għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8A tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza", il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta1-2014 dwar l-Impjieg mal-Awtorità tad-Djar għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet.

Tismija skont l-artikolu 8A tal-Ordinanza.

2. B'effett mill-31 ta' Jannar 2008, l-Awtorità tad-Djar qed tiġi speċifikata bħala entità li magħha uffiċjal jew impjegat li jtemm is-servizz mal-Gvern ikun jista' jieħu impjieg tal-ħin kollu skont l-artikolu 8A tal-Ordinanza u għall-finijiet tiegħu.